KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fit-30 ta' Mejju 2017[1]

**Kawża C-657/15 P**

**Viasat Broadcasting UK Ltd**
**vs**
**TV2/Danmark A/S,**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Servizz pubbliku ta' xandir – Miżuri adottati mill-awtoritajiet Daniżi fir-rigward tax-xandar Daniż TV2/Danmark – Kunċett ta' 'għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz a' riżorsi tal-Istat' – Sentenza Altmark"

1. Permezz tal-appell tagħha, Viasat Broadcasting UK Ltd (iktar 'il quddiem "Viasat") titlob l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni[2], li biha din, min-naħa, annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/839/UE[3], inkwantu l-Kummissjoni Ewropea kienet ikkunsidrat li d-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 imħallas lil TV2/Danmark permezz tal-Fond TV2 kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u, min-naħa l-oħra, ċaħdet il-kumplament tar-rikors ta' TV2/Danmark A/S (iktar 'il quddiem "TV2 A/S") li kien intiż għall-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni. (TV2 A/S hija kumpannija ta' responsabbiltà limitata tax-xandir Daniża li ġiet stabbilita sabiex tissostitwixxi, b'effetti kontabbli u fiskali mill-1 ta' Jannar 2003 l-impriża tal-istat awtonoma TV2/Danmark, iktar 'il quddiem "TV2"). Din il-kawża hija marbuta mal-kawżi C-649/15 P u C-656/15 P, li jikkonċernaw ukoll appelli kontra s-sentenza appellata u li fihom ser nippreżenta wkoll il-konklużjonijiet tiegħi llum. Din il-kawża tixbah ukoll il-kawża li wasslet għas-sentenza reċenti (tat-8 ta' Marzu 2017), Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni (C-660/15 P, EU:C:2017:178).

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2. Peress li l-fatti li wasslu għal din il-kawża huma identiċi għal dawk li wasslu għall-kawża C-656/15 P, nirreferi għall-punti 2 sa 15 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża msemmija, li ġew ippreżentati llum ukoll.

## II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

3. Għall-istess raġunijiet, nirreferi għall-punti 16 sa 19 tal-konklużjonijiet tiegħi fi-kawża C-656/15 P.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Sentenza tal-24 ta' Settembru 2015, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, (T-674/11, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata" EU:T:2015:684).

3 Deċiżjoni tal-20 ta' April 2011 dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka (C 2/03) għal TV2/Danmark (ĠU 2011, L 340, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

MT

## III. Fuq l-appell

4. Insostenn tal-appell tagħha, Viasat tressaq żewġ aggravji li jirrigwardaw żbalji ta' liġi li jingħad li wettqet il-Qorti Ġenerali, min-naħa, meta ddeċidiet li d-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 ittrasferit minn TV2 Reklame lil TV2 permezz tal-Fond TV2 ma kienx jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat u, min-naħa l-oħra, meta interpretat b'mod żbaljat it-tieni kundizzjoni stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415, u, fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza il-"kundizzjonijiet Altmark").

5. Skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija kellha biżżejjed informazzjoni wara l-proċedura bil-miktub u li għaldaqstant, ma kienx hemm bżonn ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali.

### *A. Fuq l-ewwel aggravju*

#### *1. Ġabra fil-qosor tal-argumenti tal-partijiet*

6. Viasat issostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 220 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kellhiex tikklassifika, fid-deċiżjoni kontenzjuża, id-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 bħala "għajnuna mill-Istat", minħabba li dan id-dħul ma kienx jikkostitwixxi "riżorsi mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

7. Viasat hija sostnuta mill-Kummissjoni.

8. TV2 A/S u r-Renju tad-Danimarka jikkontestaw dan l-argument. Essenzjalment, huma jsostnu: fl-ewwel lok, li d-dħul inkwistjoni ma kienx jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat u lanqas, konsegwentement, għajnuna mill-Istat, peress li dan kien provenjenti mhux mill-Istat Daniż, imma mill-attività ta' TV2. Fit-tieni lok, huma jsostnu li l-fatt li TV2 Reklame u l-Fond TV2 kienu entitajiet pubbliċi proprjetà ta' u kkontrollati mill-Istat Daniż kien irrilevanti f'dan ir-rigward u, fit-tielet lok, li l-allegazzjonijiet ta' Viasat u tal-Kummissjoni dwar il-kontroll eżerċitat mill-Istat Daniż fuq ir-riżorsi ta' dawn l-entitajiet kienu bbażati fuq interpretazzjoni ħażina tad-Dritt Daniż. TV2 A/S issostni wkoll li l-imsemmi dħul ma taw ebda vantaġġ kompetittiv lil TV2.

#### *2. Evalwazzjoni*

9. L-ewwel aggravju imressaq minn Viasat huwa simili għal dak invokat mill-Kummissjoni insostenn tal-appell tagħha fil-kawża C-656/15 P, Il-Kummissjoni vs TV2/Danmark; kull waħda minn dawn il-partijiet jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u l-applikazzjoni tiegħu għal dan il-każ mill-Qorti Ġenerali.

10. L-analiżi ppreżentata fil-konklużjonijiet tiegħi tal-lum dwar l-aggravju waħdieni mressaq mill-Kummissjoni fil-Kawża C-656/15 P tapplika mutatis mutandis għall-ewwel aggravju ta' Viasat f'din il-kawża. Għaldaqstant, ser nillimita ruħi hawnhekk għal sinteżi ta' din l-evalwazzjoni. Għal espożizzjoni iktar kompluta ta' din l-analiżi nirreferi għall-punti 24 sa 97 tal-imsemmija konklużjonijiet.

11. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjoni dwar lil min hija attribwibbli l-miżura, f'dan il-każ ma hemmx kontestazzjoni li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jitqiesu bħala li kienu involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura.[4]

12. F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kundizzjoni li l-vantaġġ jingħata direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat, dan ma jfissirx li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, irid jintwera f'kull każ li kien hemm trasferiment ta' riżorsi tal-Istat biex vantaġġ li jkun ingħata lil impriża waħda jew iktar ikun jista' jitqies bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE[5].

13. Huwa b'dawn il-kunsiderazzjonijiet f'moħħi li jien ser neżamina jekk, bil-fatt li ddeċidiet li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fl-eżerċizzju tal-klassifikazzjoni tar-"riżorsi tal-Istat", fid-deċiżjoni kontenzjuża, id-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 ittrasferit minn TV2 Reklame lil TV2, permezz tal-Fond TV2, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett dan il-kunċett ta' "riżorsi ta' l-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

14. Kif tfakkar ġustament Viasat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza, magħrufa bħala "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 37) li "diġà jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li [l-Artikolu 107(1) TFUE] jinkludi l-mezzi pekunjarji kollha li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu effettivament jużaw biex isostnu lill-impriżi, u dan irrispettivament minn jekk dawn il-mezzi jappartjenux jew le b'mod permanenti lill-patrimonju tal-Istat. Konsegwentement, anki jekk l-ammonti korrispondenti għall-miżura inkwistjoni ma humiex b'mod permanenti fil-pussess tat-teżor pubbliku, il-fatt li jibqgħu konsistentement taħt il-kontroll pubbliku, u għaldaqstant għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa biżżejjed biex dawn ikunu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat" [traduzzjoni mhux uffiċjali][6].

15. U l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 38 ta' dik l-istess sentenza li "l-Kummissjoni, bil-fatt li ddeċidiet fid-deċiżjoni kontenzjuża li r-riżorsi tal-impriżi pubbliċi, bħalma huma dawk ta' Crédit Lyonnais u tas-sussidjarji tagħha, kienu jaqgħu taħt il-kontroll tal-Istat u kienu, għaldaqstant, għad-dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar, ma tatx interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' 'riżorsi ta' l-Istat' skont l-Artikolu 107(1) TFUE]. Fil-fatt, l-Istat huwa perfettament kapaċi, billi jeżerċita l-influwenza dominanti tiegħu fuq dawn l-impriżi, li jiddierieġi l-użu tar-riżorsi tagħhom sabiex, meta jkun hemm l-okkażjoni, jiffinanzjaw vantaġġi speċifiċi favur impriżi oħra". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

16. Issa, huwa paċifiku f'dan il-każ li l-Istat (ir-Renju tad-Danimarka) kien l-azzjonist uniku tal-kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata TV2 Reklame, peress li l-kapital tal-kumpannija kien proprjetà tal-Istat u li l-ministru tal-kultura kellha japprova l-istatuti tal-kumpannija u l-modifiki tagħhom. TV2 Reklame kienet għaldaqstant totalment taħt il-kontroll tal-Istat[7].

17. Jien naqbel ma' Viasat li t-trasferiment tar-riżorsi kkonċernati permezz tal-Fond TV2 bl-ebda mod ma jaffettwa n-natura tagħhom bħala "riżorsi tal-Istat" peress li l-Fond TV2 huwa wkoll impriża pubblika kkontrollata mill-Istat Daniż.

4 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine", (C-482/99, EU:C:2002:294, Franza vs Il-Kummissjoni, punt 52); tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! et (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 17), kif ukoll id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás (C-275/13, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2314, punt 22).

5 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 36), tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage et Coopérative agricole UKL-ARREE (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 34), u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! et (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 19).

6 Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni, C-83/98 P, EU:C:2000:248, punt 50. Ara wkoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 15 tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati llum fil-Kawża C-656/15 P.

7 Dan joħroġ mill-Artikolu 31(1) tal-Bekendtgørelse af lov om radio- og fjernsynsvirksomhed (Liġi Daniża kkodifikata Nru 578 dwar is-servizz tax-xandir), tal-24 ta' Ġunju 1994 (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1994"). Ara wkoll, il-premessi 80, 89 u 90 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

18. Il-fatt li, kif tindika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li għadni kif iċċitajt, ir-riżorsi ta' kumpannija pubblika, kollha kemm hi proprjetà u kkontrollata mill-Istat huma "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, jidhirli li huwa raġuni suffiċjenti biex iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Għall-kompletezza, ser nanalizza raġunijiet oħra li ser iwassluni għall-istess konklużjoni.

*a) L-oriġini tal-fondi ma hijiex determinanti*

19. Fil-punt 208 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, b'mod sorprendenti ddeduċiet mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 201 tal-istess sentenza [8], moqrija flimkien mas-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2000 Ladbroke Racing vs Il-Kummissjoni, (C-83/98 P, EU:C:2000:248) u tat-12 ta' Diċembru 1996, Air France vs Il-Kummissjoni, (T-358/94, EU:T:1996:194), li r-riżorsi li ġejjin minn terzi jistgħu jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat bil-kundizzjoni li jew kienu b'mod volontarju mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istat mill-proprjetarji tagħhom (kif għamlu d-depożitanti tal-Caisse des dépôts et consignations-participations fil-kawża Air France vs Il-Kummissjoni) jew kienu abbandunati mill-proprjetarji tagħhom (bħar-rebħ li ma nġabarx minn min lagħab il-flus fil-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza Ladbroke Racing vs Il-Kummissjoni), qabel ma kkonkludiet, fil-punti 211 u 212 tas-sentenza appellata, li d-dħul mir-reklamar involut f'din il-kawża kien ġej minn dawk li jirreklamaw li kienu xtraw ħin għar-reklami fuq TV2 u li dawn ir-riżorsi ma setgħux, konsegwentement, jitqiesu bħala li jaqgħu taħt il-kontroll tal-Istat Daniż, peress li dawn la kienu tqiegħdu volontarjament għad-dispożizzjoni tal-Istat mill-proprjetarji tagħhom u lanqas ġew abbandunati mill-proprjetarji tagħhom u amministrati de facto mill-Istat.

20. Jien ma naqbilx ma' din il-konklużjoni li għaliha wassal ir-raġunament magħmul fil-punti 202 sa 212 tas-sentenza appellata u dan għal żewġ raġunijiet.

21. Min-naħa, b'kuntrast ma' dak li ngħad fis-sentenza appellata, l-oriġini ta' riżorsa partikolari u n-natura inizjalment privata tagħha (f'dan il-każ, il-flus imħallsa minn impriżi li jkunu jixtiequ jirreklamaw fuq TV2) ma humiex ta' importanza meta jkun irid jiġi eżaminat il-punt legali dwar jekk il-fondi li bidlu l-idejn u jkunu jinsabu fil-pussess u taħt il-kontroll ta' entità proprjetà assoluta tal-Istat huma jew ma humiex riżorsi "ta' l-Istat". Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant wettqet żball ta' liġi (b'mod partikolari fil-punti 208, 211 u 212 tas-sentenza appellata) meta tefgħet l-enfasi fuq l-elementi li ma humiex ir-riżorsi stess (u, b'mod iktar partikolari, fuq l-oriġini tagħhom) [9].

22. Min-naħa l-oħra, kienet żbaljata l-Qorti Ġenerali, fil-punt 208 tas-sentenza appellata, li pprovat tiddeduċi miż-żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li waħda jew l-oħra miż-żewġ kundizzjonijiet "ġodda" u supplimentari (ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet) iridu jkunu sodisfatti biex riżorsi li joriġinaw mingħand terzi jitqiesu bħala "riżorsi tal-Istat".

23. Fil-fatt, il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq ma fiha ebda element probatorju li jippermetti li jiġi konkluż – kif tissuġġerixxi s-sentenza appellata – li r-riżorsi tal-impriżi pubbliċi għandhom jitqiesu bħala "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE sakemm dawn ma jitqiegħdux volontarjament għad-dispożizzjoni tal-Istat mill-proprjetarji tagħhom, jew, jiġu abbandunati mill-proprjetarji tagħhom u amministrati de facto mill-Istat.

24. Fi kwalunkwe każ, dan bl-ebda mod ma jirriżulta mill-ġurisprudenza rilevanti fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża jiġifieri s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294, punti 37 u 38), li wara kollox ingħatat wara ż-żewġ sentenzi li fuqhom is-sentenza appellata hija intiża li tkun ibbażata.

8 Sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE, (C-677/11, EU:C:2013:348, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u tal-15 ta' Jannar 2013, Aiscat vs Il-Kummissjoni, (T-182/10, EU:T:2013:9, punt 104).

9 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati llum fil-kawża C-656/15 P (punti 46 et seq.).

25. Iktar minn hekk, filwaqt li t-tieni waħda mill-kundizzjonijiet issuġġeriti mill-Qorti Ġenerali (dik tar-riżorsi abbandunati) manifestament ma għandha ebda rabta maċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-ewwel waħda (it-tqegħid għad-dispożizzjoni volontarja) tikkuntrasta wkoll mal-ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti Ġenerali (sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Franza vs Il-Kummissjoni, T-139/09, EU:T:2012:496, li ma ġietx appellata, punti 63 u 64) [10].

***b)*** *Il-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi huwa determinanti*

26. Naħseb li, fil-punti 212, 214 u 215 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta tat interpretazzjoni restrittiva ħafna tal-kunċett ta' "kontroll" fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk l-Istat Daniż kienx jeżerċita, permezz tal-Fond TV2, kontroll fuq ir-riżorsi ittrasferiti minn TV2 Reklame lil TV2.

27. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ssemmi hija stess fis-sentenza appellata (punt 182) li jirriżulta mill-Artikolu 29(2) tal-Liġi tal-1994 li l-Fond TV2 kien mibni mid-dħul iġġenerat mir-reklamar fuq TV2. Jirriżulta wkoll mill-istess artikolu li kien il-ministru tal-kultura li ddeċieda fuq il-parti mid-dħul ta' TV2 Reklame li kellha titħallas lill-Fond TV2. Kif esponiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 181 tas-sentenza appellata u kif tindika l-premessa 81 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-parti mid-dħul akkumulat ta' TV2 Reklame li ma kinitx tħallset lill-Fond TV2 setgħat tintuża mill-ministru tal-kultura – bil-kunsens tal-kumitat tal-finanzi ta' Folketing (il-Parlament Daniż) – għall-iskopijiet ta' rimbors tal-garanzija Statali mitluba qabel jew għal kull skop kulturali ieħor (ara l-Artikolu 33 tal-Liġi tal-1994 [11]).

28. Għaldaqstant, l-Istat kellu d-drittijiet kollha u kontroll komplut fuq id-dħul ta' TV2 Reklame u jirriżulta direttament mil-leġiżlazzjoni li dawn ir-riżorsi setgħu jservu għal skopijiet oħra differenti mit-trasferiment lill-Fond TV2.

29. Inkwantu l-ministru tal-kultura kellu l-possibbiltà li jiddeċiedi li r-riżorsi jservu għal skop ieħor differenti mit-trasferiment lill-Fond TV2, għandu jiġi konkluż li l-Istat kien jikkontrolla dawn ir-riżorsi, indipendentement mill-mod li bih il-ministru tal-kultura, fil-fatti, iddeċieda li juża dawn ir-riżorsi matul xi sena partikolari.

30. Iktar minn hekk, huwa biss il-ministru tal-kultura li seta' jiddeċiedi l-ammont li għandu jkun ittrasferit, għal sena partikolari, mill-Fond TV2 lil TV2, peress li t-trasferiment ta' riżorsi tal-Fond TV2 lil TV2 seta' jsir biss skont il-baġit ta' TV2, kif stabbilit mill-ministru tal-kultura [12].

31. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, min-naħa, meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tal-preżenza jew le ta' riżorsi tal-Istat, il-fatt li l-Istat kellu d-drittijiet kollha u kontroll komplut fuq ir-riżorsi ta' TV2 Reklame u seta' jiddeċiedi jekk dawn ir-riżorsi kellhomx ikunu ittrasferiti lill-Fond TV2 jew użati għal skopijiet oħra, kulturali pereżempju, u, min-naħa l-oħra, meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Istat kien jikkontrolla totalment ir-riżorsi tal-Fond TV2 u seta' għaldaqstant jiddeċiedi unilateralment il-mument li fih dawn ir-riżorsi kellhom jiġu ttrasferiti lil TV2 kif ukoll l-ammont tagħhom.

10 Ara l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati llum fil-kawża C-656/15 P, punt 59.

11 Ara wkoll il-premessi 81 u 84 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

12 Ara l-Artikolu 30 tal-Liġi tal-1994 (paġni 98 u 99), iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati llum fil-Kawża C-656/15 P.

***c)** Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160)*

32. Biex tiġġustifika l-argument tagħha fuq l-insuffiċjenza tal-kontroll pubbliku eżerċitat mill-awtoritajiet Daniżi biex ir-riżorsi inkwistjoni jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat", il-Qorti Ġenerali xebhet din il-kawża ma' dik li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160).

33. Jien naħseb, min-naħa l-oħra[13], (bħal Viasat) li ż-żewġ kawżi huma kompletament distinti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

34. Fil-fatt, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160), il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat, peress li l-vantaġġi mogħtija lill-produtturi tal-enerġija alternattiva kienu "ffinanzjati esklużivament" minn impriżi privati ta' produzzjoni tal-elettriku, permezz ta' fondi li l-Istat "fl-ebda mument ma kellu l-kontroll" tagħhom u li konsegwentement "ma joħorġu qatt, fil-fatt, barra mis-settur privat". [traduzzjoni mhux uffiċjali] ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża PreussenElektra, C-379/98, EU:C:2000:585, punt 166) Fuq l-istess linja, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, UTECA (C-222/07, EU:C:2009:124; iċċitata wkoll mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, kienet tikkonċerna, l-istess bħall-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, (C-379/98, EU:C:2001:160) sitwazzjoni li fiha r-riżorsi kkonċernati ma kienu, fl-ebda mument, ħarġu barra mill-isfera privata.

35. Hemm żewġ elementi oħra li jippermettu li jiġu enfasizzati d-differenzi bejn din il-kawża u l-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, (C-379/98, EU:C:2001:160).

36. Min-naħa, din il-kawża tikkonċerna t-trasferimenti ta' riżorsi minn impriża pubblika wara deċiżjoni meħuda kull sena mill-ministru tal-kultura, mentri fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160), kien hemm dispożizzjoni leġiżlattiva ġenerali dwar it-trasferimenti imposti fuq ċerti impriżi għall-benefiċċju ta' kategorija oħra ta' operaturi (essenzjalment privati).

37. Min-naħa l-oħra, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160), il-kumpannija inkwistjoni (PreussenElektra) ma kinitx ingħatat bħala missjoni li timmaniġġja miżura ta' għajnuna, peress li ma kienx hemm sistema ta' kumpens li biha l-kumpanniji li kienu jinkorru ż-żieda fl-ispiża kienu jirċievu kumpens għal dan il-għan.

38. Is-soluzzjoni adottata fl-imsemmija sentenza, ma tistax għaldaqstant tapplika f'sitwazzjoni fejn l-Istat ħoloq entità ġuridika distinta, bħalma hija TV2 Reklame u nkarigaha li timmaniġġja miżura ta' għajnuna[14].

39. Min-naħa l-oħra, il-fatti ta' dan il-każ jixbhu ħafna dawk tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord et, C-206/06, EU:C:2008:413[15].

13 L-istess bħal Bacon K., European Union Law of State Aid, Oxford University Press, 2017, li wara l-kummentarju tiegħu dwar is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160),, ikompli billi jsostni li "[a] rather different example of the analysis of payments from private parties was the advertising revenues paid to the Danish broadcaster TV2, which the [General] Court held were not State resources despite the fact that the Danish authorities could restrict the percentage of those revenues that was transferred to TV2". (enfasi tiegħi)

14 Sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord et, C-206/06, EU:C:2008:413, punt 74 u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent de Colère! et, C-262/12, (EU:C:2013:851, punt 35) kif ukoll id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás, (C-275/13, EU:C:2014:2314, punt 32).

15 Ara b'mod partikolari l-punt 74. Ara wkoll punt 32 id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás, C-275/13, mhux ippubblikata, (EU:C:2014:2314, punt 32).

40. Kumpannija pubblika (SEP) kien ġiet inkarigata biex tirċievi l-ammonti li jirriżultaw minn żieda fil-prezz li l-Istat Olandiż kien impona, permezz ta' liġi, fuq ix-xerrejja tal-elettriku sabiex jiġġieled l-ispejjeż mhux konformi mas-suq. Fil-prattika, din iż-żieda kienet titħallas lill-amministratur tan-netwerk li, kull sena, kellu jgħaddi l-prodott lil SEP. Din żammet mbagħad NLG 400 miljun (EUR 181512086.40) biex tkopri l-ispejjeż mhux konformi mas-suq li dehru matul is-sena 2000 u bagħtet l-eċċess lill-ministru.

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dik il-kawża, l-ewwel nett, li ma kienx rilevanti li dik il-kumpannija nnominata (SEP) kienet fl-istess waqt l-uffiċċju ċentrali tat-taxxa miġbura, l-amministratur tal-fondi miġbura u l-benefiċjarju ta' parti minn dawk il-fondi, peress li kien possibbli li ssir distinzjoni bejn id-diversi rwoli ta' SEP u ta' kontrollur tal-użu tal-fondi, bil-konsegwenza, skont il-Qorti tal-Ġustizzja li "sakemm din il-kumpannija nnominata ma ngħatatx l-ammont ta' NLG 400 miljun [EUR 181512086.40], il-waqt li fih hija jkollha d-dispożizzjoni libera tiegħu, dan l-ammont jibqa' taħt il-kontroll pubbliku, u għaldaqstant fid-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali; dan huwa biżżejjed sabiex jiġi deskritt bħala riżorsi tal-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, [imsejħa "Stardust Marine"] (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 37)".

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, imbagħad, li l-miżura inkwistjoni f'dik il-kawża kienet differenti minn dik involuta fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra C-379/98, EU:C:2001:160), "li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 59, li l-obbligu, impost fuq impriżi privati ta' provvista ta' elettriku, li jixtru, bi prezzijiet minimi fissi l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu ma jwassal għal ebda trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat lill-impriżi li jipproduċu dan it-tip ta' elettriku. F'dan il-każ tal-aħħar, l-impriżi ma ġewx imqabbda mill-Istat sabiex jamministraw riżorsi tal-Istat, iżda kienu marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom" (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord et, C-206/06, EU:C:2008:413, punt 74).

43. Bl-istess mod bħall-kawża li wasslet għas-sentenza, TV2 Reklame hija stabbiliment pubbliku awtonomu maħluq bil-għan li jiġbor riżorsi permezz tal-bejgħ ta' ħin għar-reklamar fuq TV2 u li jamministra dawn ir-riżorsi.

44. L-istess raġunament japplika mill-bqija fir-rigward tal-Fond TV2, peress li din hija stabbiliment pubbliku u li l-ministru seta', barra minn hekk, jiddisponi mir-riżorsi tal-fond.

45. L-istess bħas-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur stabbilixxa skema li biha l-kumpannija pubbliku (f'dan il-każ, TV2 Reklame) tibbenefika minn kumpens għall-għajnuna li hija tamministra, f'dan il-każ fil-forma ta' dritt li tikkummerċjalizza l-ħin għar-reklamar ta' TV2.

46. Ma' dan jiżdied il-fatt li TV2 Reklame ma kinitx suġġett għall-obbligu ta' xiri mingħand TV2 permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħha, u dan b'kuntrast ma' kif kien il-każ fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, (C-379/98, EU:C:2001:160). Min-naħa l-oħra, jirriżulta mil-leġiżlazzjoni Daniża li TV2 kellha tħalli xi ħinijiet għar-reklamar għad-dispożizzjoni ta' TV2 Reklame u li TV2 Reklame ma kinitx, għaldaqstant, obbligata li tixtri l-ħin għar-reklamar mingħand TV2 bi prezz iffissat minn qabel, kif kien il-każ fl-imsemmija sentenza.

47. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li din il-kawża kienet paragunabbli ma' dik li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, (C-379/98, EU:C:2001:160); interpretazzjoni żbaljata li kellha rwol essenzjali fil-motivazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali biex tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża.

***d)** Assenza ta' differenza fir-rigward tal-oriġini tar-riżorsi bbażati fuq id-drittijiet mil-liċenzja u d-dħul mir-reklamar*

48. Kif irrilevat Viasat, mis-suespost jirriżulta li huwa essenzjali li għall-klassifikazzjoni korretta tar-riżorsi tal-Fond TV2, ir-riżorsi ta' TV2 Reklame jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat, peress li dawn iżommu n-natura ta' "riżorsi tal-Istat" wara t-trasferiment lill Fond TV2 l-istess bħad-dħul li jiġi mid-drittijiet għal-liċenzja awdjoviżiva. Konsegwentement, ir-riżorsi kollha tal-Fond TV2 jistgħu jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat".

49. Fil-fatt, id-distinzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali bejn l-oriġini tad-dħul mir-reklamar ittrasferit minn TV2 Reklame lil TV2 permezz tal-Fond TV2 u dik tar-riżorsi bbażati fuq id-drittijiet mil-liċenzja awdjoviżiva ttrasferiti mill-Fond TV2 lil TV2 la hija loġika u lanqas iġġustifikata f'dan il-każ.

50. Huwa diffiċli li wieħed jagħraf fiex ir-riżorsi provenjenti mill-ħlas li l-liġi timponi fuq l-utenti privati biex jaċċedu għall-kanali tat-televiżjoni tas-servizz pubbliku jiddistingwu ruħhom mill-ħlas magħmul mill-persuni privati li jirreklamaw biex jiksbu ħin għar-reklamar f'dawk il-mezzi. Fiż-żewġ każijiet, dawn huma riżorsi provenjenti minn terzi persuni li jitħallsu lil impriża pubblika, kemm jekk hija Danmarks Radio jew TV2 Reklame, bħala korrispettiv.

51. L-iżbalji ta' liġi li rrilevajt juru r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni li dawn iż-żewġ tipi ta' riżorsi kellhom jiġu ttrattati b'mod differenti, għalkemm jinsabu fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tal-oriġini tagħhom.

52. Minn dan isegwi li dan l-ewwel motiv għandu jintlaqa'.

## *B. Fuq it-tieni aggravju*

### ***1.** Ġabra fil-qosor tal-argumenti tal-partijiet*

53. Viasat issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 106 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata bi żball ta' liġi għal dak li jikkonċerna l-portata tat-tieni kundizzjoni Altmark.

54. Skont Viasat, fir-rigward tar-rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali kellha tillimita ruħha għall-eżami tal-motivazzjoni ta' dik id-deċiżjoni, mingħajr ma tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq l-interpretazzjoni ta' din tal-aħħar kif mogħtija, matul l-istanza, mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, Viasat issostni li, b'kuntrast ma' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 97, 99 u 104 sa 106 tas-sentenza appellata, il-premessi rilevanti tal-imsemmija deċiżjoni bl-ebda mod ma jindikaw li t-tieni kundizzjoni Altmark "jinkludu l-kunċett ta' effettività tal-benefiċjarju tal-kumpens". Viasat tikkunsidra li din il-kundizzjoni, li timponi li l-parametri li fuqhom jiġi kkalkolat il-kumpens jkunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, huwa intiż li jevita kull abbuż mill-kunċett ta' servizz pubbliku. Issa, Viasat issostni li l-intervent tal-Parlament Daniż huwa insuffiċjenti biex jissodisfa l-imsemmija kundizzjoni.

55. Viasat hija sostnuta mill-Kummissjoni.

56. TV2 A/S u r-Renju tad-Danimarka jikkontestaw l-ammissibbiltà tat-tieni aggravju.

57. Fil-mertu, TV2 A/S tikkontesta li l-Qorti Ġenerali bbażat l-evalwazzjoni tagħha dwar il-portata tat-tieni kundizzjoni Altmark biss fuq l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża pprovduta mill-Kummissjoni waqt il-fażi bil-miktub tal-proċedura. Hija bbażat l-evalwazzjoni tagħha, min-naħa l-oħra, kemm fuq il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u kif ukoll fuq l-interpretazzjoni ta' din kif ipprovduta mill-Kummissjoni matul l-istanza. Fi kwalunkwe każ, TV2 A/S issostni li, skont it-tieni kundizzjoni Altmark, il-parametri tal-kalkolu tal-kumpens kienu stabbiliti minn qabel, b'mod oġġettiv u trasparenti.

*2. Evalwazzjoni*

58. Jien naqbel ma' TV2 A/S u mar-Renju tad-Danimarka li dan l-aggravju huwa inammissibbli.

59. Viasat tafferma li hija individwalment u direttament affettwata mill-konklużjonijiet tas-sentenza appellata dwar it-tieni kundizzjoni Altmark.

60. Issa, hija tammetti fl-istess ħin li, meħuda b'mod iżolat, din il-parti tas-sentenza appellata ma taffettwax id-dispożittiv tagħha (punti 30 u 31 tal-appell tagħha).

61. Fil-fatt, inkwantu d-dispożittiv tas-sentenza appellata trebbaħ il-kawża lil Viasat u ma fiha ebda element li jirrigwarda t-tieni kundizzjoni Altmark, Viasat ma għandhiex l-interess meħtieġ li jiġġustifika li l-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi biex tistħarreġ il-motivi tas-sentenza appellata dwar din it-tieni kundizzjoni.

62. Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, barra li ma huwiex intiż għall-annullament, totali jew parzjali, tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali kif tirriżulta fid-dispożittiv ta' din u li, għaldaqstant għandu jiġi ddikjarat inammissibbli għal din ir-raġuni waħedha, tali aggravju jagħmel sens biss jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju tal-appell ta' TV2 A/S fil-kawża C-649/15 P, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, dwar l-applikazzjoni tar-raba' kundizzjoni Altmark – la ma huwiex il-każ skont il-konklużjonijiet tiegħi tal-lum f'dik il-kawża – b'mod li huwa għandu jitqies, fi kwalunkwe każ, bħala ineffettiv.

63. Fil-fatt, l-argument ta' Viasat fejn tgħid li l-imsemmi aggravju jista' jiġi eżaminat fil-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li hija direttament u individwalment affettwata mill-motivi tas-sentenza appellata dwar it-tieni kundizzjoni Altmark, minkejja li l-Qorti Ġenerali rebbħitha l-kawża fid-dispożittiv tas-sentenza appellata, huwa irrilevanti fir-rigward ta' din l-evalwazzjoni.

64. Għaldaqstant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.

65. B'mod sussidjarju, għandu jiġi rilevat li, fil-kawża C-660/15 P, Viasat kienet allegat ukoll fl-appell tagħha li t-tieni kundizzjoni Altmark ma kinitx ġiet osservata.

66. Fil-frattemp, l-imsemmi appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni (C-660/15 P, EU:C:2017:178). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat fis-sentenza appellata li l-Artikolu 106(2) TFUE ma jobbligax lill-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni t-tieni u r-raba' kundizzjoni Altmark sabiex tiddeċiedi jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex kompatibbli mas-suq intern skont din id-dispożizzjoni".

67. Minn dan isegwi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

### *C. Fuq l-effett tal-annullament tas-sentenza appellata*

68. Inkwantu bir-raba' motiv tagħha li hija ressqet fl-ewwel istanza insostenn tat-tielet kap tat-talbiet sussidjarji tagħha, ir-rikorrenti fl-ewwel istanza akkużat lill-Kummissjoni li wettqet żball ta' liġi, peress li hija kienet ikkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat l-ammonti provenjenti mid-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 li kien ittrasferit permezz tal-Fond TV2, u fid-dawl tal-analiżi tiegħi fuq l-ewwel aggravju tal-appell, huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għaldaqstant tiddeċiedi hija stess u tiċħad it-tielet kap tat-talbiet fil-mertu li tressqu b'mod sussidjarju mir-rikorrenti fl-ewwel istanza.

## IV. Fuq l-ispejjeż

69. Skont l-Artikolu 138(3) tal-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għal proċedura ta' appell abbażi tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament wieħed jew iktar mill-kapijiet, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha. Peress li TV2 tilfet u Viasat rebħet l-ewwel aggravju imma tilfet fuq it-tieni wieħed, naħseb li TV2 A/S għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tagħha kif ukoll 50 % tal-ispejjeż ta' Viasat u, għall-kumplament, il-partijiet għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

70. Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li huwa applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li intervjenew fil-vertenza għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess. Ir-Renju tad-Danimarka, bħala intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

## V. Konklużjoni

71. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2015, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni, (T-674/11, EU:T:2015:684) inkwantu din tal-aħħar annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/839/UE, tal-20 ta' April 2011, dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka (C-2/03) għal TV2/Danmark minħabba biss li l-Kummissjoni kkunsidrat hemmhekk li d-dħul mir-reklamar għas-sena 1995 u għas-sena 1996 li rċevew TV2/Danmark permezz tal-Fond TV2 kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat;

– tiċħad fil-mertu t-tielet kap ta' talbiet magħmul b'mod sussidjarju mir-rikorrenti fl-ewwel istanza;

– tiċħad il-bqija tal-appell; u

– tiddeċiedi li TV2 Danmark A/S għandha tħallas 50 % tal-ispejjeż ta' Viasat Broadcasting UK Ltd u, għall-bqija, li l-partijiet l-oħra jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.